# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Frar, 2018.**

**Rikors Numru 183/2017**

**HSBC Malta p.l.c.**
**(C – 3177)**

**vs.**

**V. Attard (Works) Limited (C – 33136)**
**VK Construction Limited (C – 36787)**
**Advanced Construction Limited (C – 14176)**
**Attard Vincent (ID 517657 M)**
**Southplan (Real Estates) Limited (C – 24460)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-27 ta' Frar, 2017, li permezz tieghu l-bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn il-partijiet fuq indikati *in atti* tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat id-29 ta' Settembru, 2009, kien rez ezekuttiv permezz t'ittra ufficjali datata l-2 ta' Frar, 2012, (ara rispettivament foll 4 u 8);

1.2. Illi ghalkemm saru diversi pagamenti l-intimati baqghu debituri tal-bank rikorrenti u ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-kostituzzjoni tad-debitu;

1.3. Illi in vista tal-premess il-bank rikorrenti qieghed jitlob id-debita awtorizzazzjoni biex jezegwixxi l-istess titolu ezekuttiv kontra l-intimati ghall-bilanc li ghadu dovut, u dan, *ai termini* tal-artiklu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem indikata bhala Kap 12);

1.4. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti u jitlob li din il-qorti:

1.4.1. Tawtorizzah *ai termini* tal-artiklu 258 tal-Kap 12 jghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu ezekuttiv fuq riferit *stante* li ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fuq riferit peress li d-dejn dovut ghadu ma giex saldat mill-intimati;

1.4.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 17A);

3.0. Rat ir-risposta datata d-29 ta' Marzu, 2017, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 24):

3.1. Illi preliminarjament l-intimati, bl-eccezzjoni ta' **V. Attard (Works) Limited**, huma garanti mhux solidali, u mhux debituri principali;

3.2. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti jrid jipprova li eskuta l-beni tad-debituri principali;

3.3. Illi l-ittra ufficjali ezebita mill-bank rikorrenti mhix konnessa mal-art pubblika li dwaru qed tintalab l-awtorizzazzjoni ghall-ezekuzzjoni;

3.4. Illi l-bank rikorrenti jrid ukoll igib prova dwar xi hlasijiet minnhu ricevuti u kemm hu l-bilanc lilhu dovut;

3.5. Bl-ispejjez;

3.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati datat is-26 t'Ottubru, 2017, li permezz tieghu iddikjara li ma kellux provi x'jipprezenta u li konsegwentement kien qed jirrimetti ruhhu ghar-risposta tieghu, (ara foll 34);

Ikkunsidrat:

5.0. Illi preliminarjament issir referenza ghas-segwenti:

5.1. Illi din il-kawza giet regolarment introdotta permezz ta' rikors guramentat *ai termini* tal-artiklu 154 tal-Kap 12, (ara foll 1);

5.2. Illi l-istess rikors guramentat gie debitament notifikat *ai termini* tal-artiklu 155 (6) tal-Kap 12 lill-intimati, (ara foll 23);

5.3. Illi l-intimati jirrizulta li naqqsu jipprezentaw risposta guramentata ghall-istess *ai termini* tal-artiklu 158 (1) tal-Kap 12 senjatament billi r-risposta minnhom inoltrata mhix konfortata mill-gurament hekk statutorjament rikjest, (ara foll 24);

Ikkunsidrat:

6. Illi effettivament il-karenza fuq hawn deskritta tpoggi lill-intimati f'posizzjoni ferm prekarja billi in-nuqqas riskontrat ifisser li r-risposta minnhom ipprezentata hi effettivament nulla u allura qeghdin fi stat ta' kontumacja;

7. Illi pero`, minkejja l-karenza fuq indikata, *stante* li hu principju assodat li atti fi proceduri legali ghandhom kemm jista' jkun jigu meqjusa salvabbli – *molto piu`* biex parti ma tigix pregudikata minhabba xi spropositu ta' terz, din il-qorti qed tqis l-istess rikors daqs li kieku kien ipprezentat skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

8.1. Illi din hi procedura inoltrata *ai termini* tal-artiklu 258 tal-Kap 12;

8.2. Illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu *in atti* tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat id-29 ta' Settembru, 2009, kien sussegwentement gie rez ezekuttiv wara ittra ufficjali datata t-2 ta' Frar, 2012, (ara rispettivament foll 4 u 8);

8.3. Illi matul il-perjodi fuq indikati saru diversi pagamenti lill-bank rikorrenti ghalkemm jirrizulta li l-ammont intier ma giex saldat, (ara foll 30);

8.4. Illi ghalhekk din hi procedura li permezz taghha l-bank rikorrenti, in vista tal-fatt li ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data li fiha d-debitu *de quo* gie rez ezekuttiv, issa qieghed jitlob li jkun ezegwit;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi min-naha taghhom l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

9.1. Illi bl-eccezzjoni tas-socjeta` intimata V. Attard (Works) Limited, huma biss garanti mhux solidali ghall-ammont dovut in dizamina;

9.2. Illi ghalhekk, bl-eccezzjoni indikata fil-paragrafu precedenti, l-intimati l-ohra m'humiex debituri principali;

9.3. Illi *di piu`*, l-ittra ufficjali esebita *in atti* mill-bank rikorrenti mhix konnessa mal-att pubbliku in kwistjoni;

9.4. Illi finalment il-bank rikorrenti ghandu wkoll igib prova rigwardanti l-hlasijiet li gia` ircieva;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-artiklu 258 (c) tal-Kap 12 li fuqu qed jistrieh il-bank rikorrenti jistipula s-segwenti:

> "(c) wara l-gheluq ta' hames snin minn dakinhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehudin skont l-artikolu 166A seta' gie esegwit;
>
> "l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut";

11. Illi sintetikament l-iskop tal-artiklu de quo hu li jirrivvavviva l-ezegwibilita` ta' titolu ezekuttiv meta jkun ghadda terminu ta' zmien kif hemm stabbilit – f'dan il-kaz, it-terminu ta' hames (5) snin;

12. Illi skont l-istess artiklu fuq riferit l-oneru tal-qorti kolpita b'tali talba hu biss wiehed li tivverifika l-perjodu rikjamat – mhux li taghmel xi komputazzjoni tal-bilanc li jista' jkun dovut;

13. Illi kif spjegat mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc vs. Refco Co. Ltd*** u **Paul u Marika mizzewgin Cassar**, datata t-**12 t'April, 2012**:

> "Irrispettivament x'inhu l-ammont li ghadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' procediment m'huwiex il-kompitu tal-qorti li toqghod taghmel konteggi u tikkundanna lill-intimati jhallsu xi ammont. L-ezercizzju li jrid isir hu pjuttost wiehed ta' verifika li ghad hemm hlas dovut, cioe` li l-obbligazzjoni tal-hlas ghadha tezisti u li ghalhekk ikun ghadu jezisti t-titolu ezekuttiv favur il-

kreditur. Ovvjament l-ezekuzzjoni ghandha ssir biss fuq il-bilanc li ghadu dovut mill-intimati";

Ikkunsidrat:

14.0. Illi in vista tal-premess kull ma jrid isir fi procedura inoltrata *ai termini* tal-artiklu 258 (c) tal-Kap 12 hu biss li bil-gurament tieghu jew ta' rapprezentant tieghu jissodisfa lill-qorti li tivverifika l-istess talbiet tieghu li:

14.1. Jezisti d-dejn li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni tieghu; u

14.2. Id-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut fiz-zmien meta tigi introdotta l-procedura in dizamina;

15. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Multi Investments Limited et***, datata l-**31 ta' Mejju, 2012**, li f'dan ir-rigward stabbiliet is-segwenti:

> "Dak li jrid jigi mistharreg u deciz hu biss jekk jezistix titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 253(b) tal-Kap 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu ghadux vigenti u li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Jekk ir-risposta ghal dawn il-kweziti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerga' jigi rez ezekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skont il-ligi seta' jigi ezegwit kontra d-debitu, l-ligi terga' ggedded a bazi tal-artikolu 258 tal-Kap 12 l-ezegwibilita` tat-titolu ezekuttiv";

Ikkunsidrat:

16. Illi bejn il-partijiet kontendenti ma jirrizultax li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu *in atti* tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat id-29 ta' Settembru, 2009, kien ikkontestat;

17. Illi *nonostante* dak rikjamat mill-intimati l-ittra ufficjali datata t-2 ta' Frar, 2012, (ara foll 8), effettivament tirrigwarda l-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti u li konsegwentement, l-istess ittra ufficjali irrendiet ezekuttiv il-kuntratt *de quo*;

18. Illi l-istess jirrizulta li irrenda il-kuntratt de quo b'titolu ai termini tal-artiklu 253 (b) tal-Kap 12 *stante* li dan l-artiklu jistipula s-segwenti:

> "Huma titolu ezekuttivi:
>
> "Il-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt";

19. Illi konsegwentement ghandu jkun pacifiku li l-artiklu 258 (c) tal-Kap 12 jirrizulta rez ezekuttiv *ai termini* tal-artiklu 253 tal-istess Kap biex b'hekk permezz tal-ittra ufficjali fuq riferita, l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in dizamina gie regolarment rez esekuttiv skont il-ligi;

20. Illi *di piu`*, jigi sottolineat ukoll li d-dejn in kwistjoni jew il-parti rimanenti mill-istess ma gietx ikkontestata mill-intimati;

21. Illi konsegwenza tas-suespost jigi sottolineat ukoll li l-eccezzjonijiet allura sollevati mill-intimati, (ara foll 24), jistghu jigu hekk sollevati biss fi procedura relattiva ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tramite atti ezekuttivi li jistghu hemm jigu sollevati u mhux fil-kors tal-proceduri in dizamina naxxenti *ai termini* tal-artiklu 258 (c) tal-Kap 12 fuq riferit;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-bank rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

22.1. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

22.2. Takkolji t-talbiet tal-bank rikorrenti;

22.3. Tawtorizza lill-istess bank rikorrenti biex jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv fuq riferit *stante* li ghaddew aktar minn hames (5) snin mid-data tal-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fuq riferit peress li d-dejn dovut ghadu ma giex saldat mill-intimati;

22.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**